# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Rikors Ġuramentat Numru: 7/2015 PC**

**Maria Assunta Mallia f'isimha proprju**
**u bħala mandatarja ta' ħuha msiefer Pawlu Zerafa;**
**Maria Zerafa;**
**Martha Bonnici;**
**Loreta Hili;**
**Philip Zerafa;**
**Agnes sive Inez Grech;**
**Clementa Xerri;**
**Emanuel Zerafa f'ismu proprju**
**u bħala mandatarju tal-imsiefer Carmelo Zerafa;**
**Domenic Zerafa;**
**Mary Jane Zerafa;**
**Elizabeth Zerafa;**
**Shaun Zerafa; u**
**Monique Zerafa**

**vs**

**Rev. Arċipriet Dun Frankie Bajada fil-kwalita'**
**tiegħu ta' esekutur testamentarju tal-mejta**
**Maria Marta Zerafa; u b'digriet tas-27 ta' Frar 2017,**
**Dr. Kevin Mompalao ġie maħtur miflok ir-Rev. Arċipriet Dun**
**Frankie Bajada bħala kuratur tal-wirt**
**ġjaċenti ta' Maria Marta Zerafa.**

**Illum It-Tlieta, 9 ta' Ottubru 2018**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi, wara li ppremettew:

Illi r-rikorrenti huma lkoll legatarji tal-mejta Maria Marta Zerafa, li mietet fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju elfejn u disgħa (2009);

Illi d-*decujus* irregolat is-suċċessjoni tagħha b'testment fl-atti tan-Nutar Ino Mario Grech tas-sittax (16) ta' April elf disa' mija u sebgħa u digħin (1997), fejn fost dispożizzjonjijiet oħra ħalliet b'titolu ta' legat lir-rikorrenti Maria Assunta Mallia, Pawlu Zerafa, Maria Zerafa, Martha Bonnici, u Loreta Hili s-somma ta' ħames mitt liri Maltin (Lm500) kull wieħed, illum ekwivalenti għal €1164.69ċ kull wieħed, kif ukoll ħalliet bl-istess titolu ta' legat somma oħra ta' flus ta' ħames mitt liri Maltin (Lm500) lil Loreto Zerafa, illum mejjet, u li l-werrieta tiegħu huma r-rikorrenti l-oħra bejniethom, u lil Crocefissa Zerafa, li mietet ukoll, u billi mietet xebba u *mprole* l-legat imħolli lilha tal-flus akkrexxa favur ir-rikorrenti kollha skont il-liġi;

Illi d-*decujus* iddisponiet mill-ġid tagħha permezz ta' diversi legati u ma nnominatx eredi, u għalhekk wirtuha l-esponenti u qraba oħra tagħha skont il-liġi;

Illi b'nota tas-17 ta' Jannar 2014 u oħra tas-26 ta' Marzu 2014, ippreżentata fil-Qorti Tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja, ir-rikorrenti rrinunzjaw għall-eredita' tal-mejta Maria Marta Zerafa b'riżerva tal-legat. L-istess għamlu l-legatarji l-oħra kollha li mhumiex partijiet f'din il-kawża;

Illi bit-testment tagħha d-*decujus* innominat lill-intimat fil-kwalita' tiegħu ta' Arċipriet *pro tempore* tal-Parroċċa ta' Għajnsielem, esekutur testamentarju tagħha, li ġie debitament imwettaq f'dan l-inkarigu b'digriet tal-Qorti Tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja tat-8 ta' Mejju 2013 (Rikors numru 9/2012);

Illi fin-nuqqas ta' werrieta l-esponenti talbu lill-intimat *nomine* sabiex iħallashom il-legati ta' flus imħollija lilhom mid-*decujus* bl-imgħaxijiet mid-data tal-mewt tagħha kif preskritt fl-artikolu 728(b) tal-Kodiċi Ċivili;

Illi permezz ta' Rikors numru 35/2014 ippreżentat mill-intimat *nomine* fil-Qorti Tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja fid-9 ta' Lulju 2014, fl-atti tal-esekutorija, huwa talab direzzjoni mill-Qorti dwar din it-talba li kienet saritlu mill-rikorrenti dwar il-ħlas tal-imgħaxijiet fuq il-legati;

Illi permezz ta' rikors ieħor tat-3 ta' Ottubru 2014, fl-atti tar-Rikors numru 68/2014, l-esponenti kienu talbu wkoll lil dik il-Qorti sabiex tordna lill-esekutur testamentarju jħallashom il-legati bl-imgħaxijiet;

Illi b'digriet tal-Qorti Tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja tas-6 ta' Ottubru 2014, il-Qorti ddisponiet miż-żewġ rikorsi fuq imsemmija billi ordnat li l-imgħaxijiet fuq il-legati għandhom jiġu kalkolati mid-data li fiha l-esponenti kienu rrinunjzaw għall-eredita' tal-mejta u żammew ferm id-dritt tagħhom għal-legat, u mhux mid-data tal-mewt tat-testatriċi;

Illi minkejja li permezz ta' rikors sussegwenti tas-17 ta' Ottubru 2014, ir-rikorrenti kienu talbu lil dik il-Qorti tirrikunsidra l-pożizzjoni tagħha billi l-legati mħollija lilhom mill-mejta jikkostitwixxu legat ta' kapital u l-legati jikkonsistu fi ħwejjeġ li jagħtu l-frottijiet, il-Qorti kellha timxi mad-dispożizzjonijiet tal-

artikolu 728 tal-Kodiċi Ċivili, u għalhekk l-imgħaxijiet kellhom jibdew jgħaddu favur ir-rikorrenti minnufih wara l-mewt tat-testatriċi, u mhux mod ieħor li hu kuntrarju għall-ispirtu tal-imsemmi artikolu, b'digriet tat-30 ta' Ottubru 2014, dik il-Qorti żammet ferma l-pożizzjoni tagħha fid-digriet tagħha tas-6 ta' Ottubru 2014, mogħti fl-atti tar-rikorsi fuq imsemmija, u konsegwentement ċaħdet it-talba tar-rikorrenti;

Illi r-rinunzja għall-eredita' tal-mejta bir-riżerva għal-legat ma kellha bl-ebda mod timpinġi fuq il-kwistjoni ta' minn meta jibdew jgħaddu l-imgħax fuq il-legati billi l-artikolu 728(b) tal-Kap. 16 huwa ċar li l-imgħaxijiet fuq legat ta' kapital jew ta' ħwejjeġ li jagħtu l-frottijiet '<u>jibdew jgħaddi favur il-legatarju minnufih wara l-mewt tat-testatur</u>', u l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja ma kellha l-ebda setgħa jew awtorita' li tiddipartixxi ruħha minn dak li jipprovdi espressament l-artikolu 728(b) tal-Kap. 16, u tiddegreta mod iehor kuntrarju għall-ispirtu tal-artikolu 728(b) tal-Kap. 16, u f'dan ir-rigward l-esponenti jħossuhom aggravati bid-digrieti tas-6 ta' Ottubru 2014 u tat-30 ta' Ottubru 2014 mogħtija fl-atti tar-rikorsi fuq imsemmija, u qegħdin iressqu t-talba tagħhom għall-provvediment meħtieġ fit-termini tal-artikolu 35 tal-Kap. 12;

Talbu lill-konvenut nomine jgħid għaliex m'għandiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li r-rikorrenti għandhom jedd għall-ħlas tal-imgħax fuq il-legati mħollija lilhom mit-testatriċi minnufih wara l-mewt tagħha sal-effettiv pagament kif preskritt bl-artikolu 728(b) tal-Kap. 16;

2. Konsegwentement tvarja d-digrieti mogħtija mill-Qorti Tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja tas-6 ta' Ottubru 2014, mogħti fl-atti tar-Rikorsi 35/2014 u 68/2014 [Digriet numru 72/2014], u tat-30 ta' Ottubru 2014, u dan fis-sens billi tordna li l-imgħaxijiet fuq il-flus imħollija b'legat lir-rikorrenti mit-testatriċi għandhom jiddekorru b'effett minnufih wara l-mewt tat-testatriċi Maria Marta Zerafa kif jipprovdi espressament l-artikolu 728(b) tal-Kap. 16, u mhux b'effett mid-data li l-esponenti rrinunzjaw għall-wirt tagħha b'riżerva tal-legat.

Bl-ispejjeż, inklużi tar-rikorsi kollha li saru mill-esponenti fl-atti tal-esekutorija fuq imsemmija.

Bl-inġunzjoni tal-konvenut *nomine* għas-subizzjoni li minn issa għaliha jinsab mħarrek skont il-liġi.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut nomine li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament eċċepiet ilil l-eżekutur testamentarju ma hux il-leġittimu kontradittur stante illi kwalunkwe azzjoni kellha tiġi indirizzata kontra l-werrieta jew fin-nuqqas kontra kuratur tal-wirt battal tal-mejta Maria Marta Zerafa;

2. Illi rilevat ukoll li l-konvenut huwa eżekutur testamentarju pero wkoll legatarju bħala arċipriet *pro tempore* bħal ma huma l-atturi u l-legatarji l-oħra li pero ma humiex

parti minn dawn il-proċeduri għalkemm l-atturi jafu bihom u jafu li għandhom interess f'dawn il-proċeduri;

3. Ili t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi l-artikolu 728 tal-Kap. 16, jitkellem b'mod ċar li l-imgħaxijiet ta' legatarji jitħallsu mill-werrieta, li f'dan il-każ m'hemmx, u b'dan il-fatt l-atturi huma konxji tant illi anke huma stess rrinunzjaw il-wirt biex ma jiġux responsabbli għall-imgħaxijiet;

4. Illi fil-każ odjern għalhekk kull ma fadl huma legati u legatarji, inkluż fosthom l-esponenti li l-legat tiegħu huwa wkoll kapital ta' flus. Dak li qed jitolbu l-atturi għalhekk neċessarjament huwa li huma jkunu f'vantaġġ a paragun tal-legatarji l-oħra fosthom l-esponenti u li l-legat tagħhom donnu jiġi trattat b'mod speċjali jew bi priorita għal ħdejn il-legati l-oħra, li skont huma jridu bilfors jiġu żvantaġġjati;

5. Illi l-konvenut jeċċepixxi li skont l-artikolu 728 tal-Kap. 16, l-imgħaxijiet fuq legati għandhom jitħallsu mill-werrieta u talba għal tali mgħaxijiet trid ukoll issir lill-werrieta u għalhekk it-talbiet tal-attur ma jistgħux jirnexxu;

6. Ili di piu l-Artikolu 733 tal-Kapitolu 16 igħid espressament illi l-ispejjeż għall-ħlas tal-legat għandu jbgħatihom il-wirt u għalhekk bl-ebda tiġbid ta' l-immaġinazzjoni ma jista' jintalab illi legatarju għandu jbgħati l-istess spejjeż u mgħaxijiet tenut kont illi l-konvenut huwa wkoll legatarju;

7. Illi la darba l-legatarji għar-raġunijiet ovvji għoġobhom jirrinunzjaw għall-wirt kif ta' bilħaqq għamlu l-werrieta kollha ex lege, ma hemmx min iħallas l-imgħaxijiet proprjament għaliex il-legatarji ma jistgħu jsejħu lill-ebda werriet b'ittra uffiċċjali sabiex isir il-ħlas;

8. Illi huwa imperċpibbli li legatarju jħallas lil legatarju ieħor għaliex legatarju qatt ma jkun ġie tramess fil-personalita ġuridika tat-testatur u jibqa distin kemm mit-testatarju kif ukoll mill-wirt. Il-liġi tipprovdi li l-imgħaxijiet jitħallsu mill-werrieta proprjament għaliex ikun sar it-taħwid tal-personalita' ġuridika ta' mejjet mal-istess werriet li jkun aċċetta il-wirt u għalhekk id-dejn tal-wirt ikun assorbih anke personalment;

9. Illi ma' jagħmel l-ebda sens ġuridiku li l-legatarju jħallas lil legatarju ieħor meta huwa ma rċieva legat sempliċi mingħajkr ebda kundizzjonijiet relatata mal-legat imsemmi tal-ħlas ta' kapital jew l-oneru li jħallas imgħaxijiet. L-uniku oneru li timponi l-liġi fuq il-legatarji l-oħra huwa li jħallsu l-ispejjeż kif imsemmija hawn fuq biex jiġi immissi fil-pussess tal-istess legati;

10. Għalhekk la darba ma jistgħux jiħallsu imgħaxijiet, it-talba dwar minn meta għandhom jiddikorru huwa merament eżerċizzju akkademiku u għalhekk huwa monk l-interess ġuridiku fl-atturi;

11. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, bħal ma ingħad fl-atti tar-rikors fil-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, l-Onorabbli Qorti kienet diġa ġeneruża meta tathom l-imgħaxijiet, iżda ma jistgħu jipretendu l-atturi li jieħdu vantaġġ min egħmilhom

stess li kaġu tal-istess ttratenu l-immissjoni tal-pussess tal-legati mbagħad irrinunzjaw għal-wirt;

Illi ai termin tal-Artikolu 158 tal-Kap. 12, il-konvenut jirrileva li hwa qed jikkontesta t-talbiet kollha u fir-rigward tal-premessi tal-atturi jirrileva illi:

a) L-ewwel, it-tieni u t-tielet, ir-raba u l-ħames premessi tal-atturi huma korretti u l-konvenut jirrileva l-fatt illi huwa wkoll huwa legatarju qua Arċipriet pro tempore ta' Għajnsielem;

b) Is-sitt premessa hija kontestata in kwantu r-referenza għal-artikolu 728(b) tal-Kapitolu 16, li ma jagħti ebda awtorizazzjoni lil legatarji jdur fuq l-eżekutur testamentarju għall-ħlasijiet ta' imgħaxx fin-nuqqas ta' werrieta skont il-liġi;

c) Illi s-seba' premessa hija korretta stante illi l-eżekutur dejjem mexa skont l-awtorizazzjoni u direzzjoni mogħtija lilu mill-Onorabbli Qorti;

d) Il-premessi l-oħra kollha qed jiġu kkontestati stante illi m'hemmx qbil dwar l-interpretazzjoni tal-liġi hemmhekk imsemmija u dan għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija u għar-raġunijiet li ser jissemmew waqt it-trattazzjoni tal-kawża u fl-andament tal-provi.

Għaldaqstant it-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Sal eċċezzjonijiet oħra fil-fatt u fid-dritt skont il-liġi.

Rat in-Nota tal-konvenut nomine tas-16 ta' April 2015 fl-atti tar-Rikors numru 9/2012 quddiem din il-Qorti fil-Ġurisdizzjoni Volontarja Tagħha, li biha rrinunzja għall-eżekuterija tal-mejta Maria Marta Zerafa.

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Frar 2017 fejn innominat lill-Avukat Dottor Kevin Mompalao bħala kuratur tal-wirt ġjaċenti ta' Maria Marta Zerafa.

Rat l-atti ta-Rikorsi numri 9/2012, 35/2014, 68/2014 u 88/2014 quddiem din il-Qorti fil-Ġurisdizzjoni Volontarja tagħha.

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' Mejju 2018 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża, li hija kontestazzjoni ta' digriet ta' din il-Qorti fil-Ġurisdizzjoni Volontarja Tagħha a tenur tal-Artikolu 35 tal-Kap. 12, l-atturi qed jitolbu li jiġi modifikat d-digriet fejn ġie dikjarat li l-legati mħollija lill-atturi għandhom igawdu

imgħax mid-data tar-rinunzja tagħhom għall-eredita' tal-mejta Maria Marta Zerafa.[1] Infatti qed jitolbu li, kuntrarjament għal dak li ngħad f'dak id-digriet, (i) jiġi dikjarat li inkluż fil-legat imħolli lilhom mid-*decujus* għandu jkun hemm l-imgħaxijiet fuq is-somma msemmija fl-istess legat, b'effett mid-data tal-mewt tad-*decujus*, u (ii) konsegwentement li jingħataw dawn l-imgħaxijiet flimkien mas-somma mħollija lilhom. Dawn it-talbiet, kif jindikaw l-atturi stess, qed jagħmluhom a bażi ta' dak preskritt fl-artikolu 728(b) tal-Kodiċi Ċivili.

Il-konvenut nomine eċċepixxa preliminarjament li din il-kawża messa saret kontra l-eredi tal-mejta Maria Marta Zerafa, billi huwa kien temm l-inkarigu tiegħu bħala eżekutur testamentarju tagħha. Fil-mertu jikkontesta l-pretensjoni tal-atturi li huwa dovut lilhom xi imgħax fuq is-somma legata lilhom.
Fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-konvenut nomine li hu mhuwiex il-leġittimu kontradittur u li din il-kawża messa saret kontra kuratur tal-wirt battal tad-*decujus,* din il-Qorti taqbel ma' dak li ssottometta l-kuratur nominat fil-mori tas-smiegħ ta' din il-kawża biex jirrapreżenta l-wirt battal tal-mejta Maria Marta Zerafa, wara li l-konvenut li kien l-eżekutur testamentarju tagħha rrinunzja għall-esekuterija, hekk kif temmn l-inkarigu tiegħu. Infatti fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tiegħu jgħid li din is-sitwazzjoni ġiet retiffikata bin-nomina tiegħu bħala kuratur ta' dan il-wirt u għalhekk tapplika d-dottrina tal-*jus superveniens*.

Fil-mertu mbagħad jiriżulta li l-atturi qed jibbażaw il-pretensjoni tagħhom li hu dovut lilhom l-imgħax fuq is-somma legata lilhom bir-raba' artikolu tat-testment tad-*decujus* tas-16 ta' April 1997,[2] mid-data tal-mewt tagħha, fuq dak stipulat fl-artikolu 728(b) tal-Kodiċi Ċivili. Infatti l-artikolu 728 tal-Kap. 16 jiddisponi li:

"L-imgħaxijiet jew il-frottijiet tal-ħaġa mħollija legat jibdew igħaddu favur il-legatarju minnufih wara l-mewt tat-testatur, ukoll mingħajr is-sejħa ġudizzjarja msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:
(a) meta t-testatur ikun espressament hekk ordna;

(b) **meta l-legat ikun ta' fond, jew ta' kapital, jew ħaġ'oħra li tagħti frottijiet**."

Dan l-artikolu huwa identiku għall-artikolu 865 tal-Kodiċi Ċivili l-antik Taljan li kien jistpula li:

"Gli interssi od i frutti della cosa legata decorrono a vantaggio del legataio dal giorno della morte del testatore:

1. Quando il testatore lo abbia espressamente ordinato;

2. **Quando il legato sia di un fondo o di un capitale o d'altra cosa fruttifera**."

Dwar din it-tieni possibilita' meta l-imgħaxijiet fuq somma legata huma dovuti mid-data tal-mewt tat-testatur, insibu li hemm qbil fid-dottrina u ġurisprudenza Taljana fis-

[1] Ara digriet tas-6.10.2014 fl-atti tar-Rikors nru. 35/2014 fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja
[2] Ara kopja ta' dan it-testment esebit bħala Dok. D a fol. 10 - 12 tal-atti tar-Rikors Nru. 9/2012 quddiem din il-Qorti fil-Ġurisdizzjoni Volontarja tagħha

sens li dawn l-imgħaxijiet mhuxiex dovuti fuq somma ta' flus determinata, meta din ma tkunx diġa' investita b'tali mod li qed tirrendi l-interessi.

Infatti ir-**Ricci** jispjega f'dan ir-rigward li:

"*La volonta' presunta del testatore che la persona tenuta alla prestazione del legato debba i frutti dal gorno della sua morte, si ha, giusta il disposto dal n.2 dell'articolo in esame, quando il legato sia di un fondo, di un capitale, o d'altra cosa fruttifera; imperocche', quando la cosa per se stessa produce frutti indipendentemente dal fatto di chi e' tenuto a prestarla, e' ragionevole il ritenere che, come il testatore ha voluto tasmettere, sin dal giorno della sua morte, il diritto al legatario sulla cosa legata, cosi' abbia inteso trasmettergli, a partire da detto giono, quello sui frutti, che, essendo prodotti dalla cosa legata, costituiscono un accessorio di questa....*

*Per capitale fruttifero non deve intendersi una somma di danaro, che e' capace a produre interessi, bensi' quel danaro che, trovandosi gia' investito dallo stesso testatore, e' stato destinato a produre interessi. Laonde se sia legata una somma di mille lire, non s'intende legato un captale fruttifero, e non puo' percio' applicarsi la disposizione dell'articolo 865. '**il patrio Codice,** cosi' si esprime la Corte d'appello di Milano (decizione 20 luglio 1885, giur.It. 1885, n,643) **contemplando all'articolo 865 il legato di un capitale, lo pareggia, rispetto agli interessi, ad un fondo o ad un'altra cosa per se' fruttifera; percio' non riguarda come capitale qualsiasi somma di danaro dovuta a titolo di legato, ma tale riconosce solo qella somma di danaro, che alla morte del testatore si trovi investita in modo fruttifero, ed e' questo il caso in cui si obbliga l'erede a corrispondere al legatario i frutti dal di' della morte del testatore. Nell'articolo 864*** (korrispondenti għall-Artikolu 727 tal-Kodiċi tagħna) ***non sono dimenticati, anzi sono implicitamente contemplati, gl'interssi di quella qualunque somma da pagare a titolo di legato, e per tal caso dispone doversi al legatario gl'interessi dal giorno della domanda giudiziale, o dal giorno in cui la prestazione del legato fosse stata promessa**'. Al contrario, legato un credito producente interessi, s'intende legato un capitale fruttifero. Il legato di un gregge, di un negozio, ecc. e' legato di cosa fruttifera, quindi il legatario ha diritto di esigere i frutti prodotti dalla cosa sin dal girono dell'aperta successione.*"[3]

Hekk ukoll jemmen **Calogero Gangi**:

"*...come e' del resto comunemente ammesso in dottrina e in gurisprudenza, sotto la parola capitale deve intendersi una somma di danaro gia' dal testatore impiegata (in qualunque modo) e resa fruttifera. Una somma di danaro, invero, come si e' gia rilevato, non e' in se' e per se una cosa fruttifera, e appunto percio' il legato di semplice somma e' regolato dall'articolo 864 e non gia' dall'alt.865 n.2. Cio' e', ripeto, comunemente ammesso.*"[4]

L-istess il-**Pacifici Mazzoni** b'referenza għall-artikolu 865 (2) tal-Kodiċi Ċivili Taljan:

"*Per capitale qui s'intende una somma determinata, impiegata e producente interesse.*"[5]

[3] Corso Teorico-Pratico di Diritto Civili, 2da ed. 1886, vol.III, Cap.VI, Pagamento dei Legati, diritti e doveri del legatario; para.393, pag. 631 - 632
[4] I Legati Nel Diritto Civile Italiano, parte Generale Vol. II. 1932, nota al para.252, pag.105
[5] Istituzioni di Diritto Civile Italiano 3za ed. 1889, Vol.VI, Cap.II, Dell'Aquisto Dei Legati, para.339, pag.545

Fir-raba' artikolu tat-testment tagħha tas-16 ta' April 1997, Maria Marta Zeafa ddisponiet bil-mod segwenti:

"*Thalli b'legat lin-neputijiet taghha Loreto, Maria, Marta, Crocefissa, Assunta, Pawlu u Loreta, lkoll ahwa Zerafa ulied Guzepp u Guzeppa nee' Zerafa (bid-dritt tas-sostituzzjoni tar-rispettivi uliedhom f'kaz ta' premorjenza u in mankanza bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom), is-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) kull wahda u wahda minnhom.*"[6]

Imkien ma jirriżulta li dawn il-flus kienu investiti f'xi istituzjoni finanzjarja u li kienu ġia qed jirrendu l-imgħax fl-epoka tal-mewt tad-testatriċi. Għalhekk, kif rajna fid-dottrina u ġuisprudenza hawn fuq ċitata, l-artikolu 728(b) tal-Kap. 16, li fuqu hija kjarament ibbażata din il-kawża, ma japplikax għall-każ in eżami. Għaldaqstant safejn l-ewwel talba f'din il-kawża hija bbażata fuq dan is-subartikolu tal-liġi, ma tistax tirnexxi. Konsegwentement lanqas tista' tintlaqa' t-tieni talba biex jiġi modifikat id-digriet kontestat ħalli l-atturi jkunu jistgħu jipperċepixxu l-interessi fuq is-somma legata lilhom b'effett mill-mewt tat-testatriċi.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-atturi.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

09.10.2018 – Sup7.2015 – Maria Assunta Mallia pro et noe et vs Rev. Arc. Dun Frankie Bajada noe
2709

[6] Ara kopja tat-testment a fol 11 tal-atti tar-Rikors nru. 9/2012